KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 34_16-07-08 V**

## MINUTI TA' L-ERBGĦA U TLETIN SEDUTA

**L-erbgħa u tletin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa 16 ta' Lulju, 2008** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea** |
| **Skużati:** | **Margaret Ann Azzopardi**<br>**Luke Vella** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech**<br>**Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-16:15 b'din l-agenda:

1. **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 33_18/06/08**
2. **Materji konnessi mal-minuti**
3. **Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-sindku/segretarju eżekuttiv**
4. **Mistoqsijiet mil-kunsilliera**
5. **Approvazzjoni tal-pagamenti**
6. ***Audit management letter* u *audited financial statements* għas-sena finanzjarja 2008**
7. **Affarijiet Oħra**

Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

**1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru 33_18/06/08**

L-approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 33_18/06/2008 ġew proposti mis-sindku M. Arrigo u ssekondati mil-viċi sindku A. Bonello Dupuis. Il-kunsilliera M. Aquilina vvotat favur. Il-kunsilliera M. Briguglio u J. Galea astjenew minħabba li ma kienux preżenti fl-aħħar seduta. Il-minuti ġew approvati bi tlett voti favur u żewġ astensjonijiet.

**2. Materji konnessi mal-minuti**

2.1 Is-sindku M. Arrigo rrimarkat dwar il-fatt li l-Għaqda tan-Nar tal-Karmnu Balluta reġgħu talbu għall-granet kollha li kienu bejn id-19 u s-27 ta' Lulju 2008. Fuq dan il-punt is-Sindku rrimarkat li kien hemm xi telefonati biex il-kunsill jagħti l-permess għall-ġranet kollha minkejja l-fatt li fl-aħħar seduta l-kunsill kien iddeċieda li jagħti erbat 'ijiem biss u li jkun hemm nofs il-metraġġ ta' l-ispazju ta' l-imwejjed u s-siġġijiet li kienu talbu oriġinarjament.

*Daħal il-kunsillier M. Debono fis-seduta 16.25pm*

Il-kunsilliera M. Aquilina qablet mas-sindku fejn qalet li mhux sewwa li la darba nkunu ħadna deċiżjoni f'kunsill noqogħdu nduru magħha. Is-Sindku qalet ukoll li sitwazzjonijiet hekk joħolqu insikurezza għax is-segretarju eżekuttiv ikun ta' spjegazzjoni tal-każ ikun x'ikun imbagħad isir diskors bħal li ma nagħtatx spjegazzjoni kif suppost jew ħaġa oħra li din tiġi inġusta. Is-Sindku saħħqet li la darba ttieħħdet deċiżjoni speċjalment tkun waħda unanima, inżommu magħha u mhux niġu influwenzati minn persuni oħra. Is-segretarju eżekuttiv qal li la darba l-kunsill irid ibiddel deċiżjoni trid tittieħed reżoluzzjoni speċjali.

Il-kunsillier M. Briguglio ppropona li l-permess għandu jingħata għall-ġranet kollha msemmija bl-imwejjed u s-siġġijiet la darba jħallu aċċess għall-pubbliku. Iżommu mal-kundizzjonijiet l-oħra ta' l-aħħar seduta kif ukoll iħallu l-post għall-kiosks li kienu ngħataw il-permessi s-sena l-oħra. Din il-proposta ġiet issekondata mill-kunsilliera M. Aquilina u J. Galea. Is-sindku M. Arrigo, il-viċi Sindku A. Bonello Dupuis u l-kunsillier M. Debono. Kien approvazzjoni unanima mil-kunsilliera preżenti.

2.2 Is-Sindku M. Arrigo irreferiet għat-talba li kienu għamlu tal-Parroċċa ta' San Girgor li jagħmlu attivita' f'żewġ *weekends* fejn il-kunsill kien qabel li jagħti permess għal *weekend* wieħed, qalet ukoll li tkun ħaġa ġusta li jingħata l-permess għall-*weekend* l-ieħor kif għadna kif tajna lil Parroċċa tal-Balluta (ref 2.1). Is-sindku M. Arrigo pproponiet li jingħata l-permess bl-istess kundizzjonijiet ta' l-indafa u l-mużika ma' tinżamx għolja u tieqaf fil-Ħdax ta' filgħaxija. Ġiet issekondata mil-kunsillier M. Briguglio. Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera M. Aquilina, M. Debono u J. Galea qablu ma' din il-proposta.

2.3 Il-viċi sindku A. Bonello Dupuis reġa staqsa dwar is-sitwazzjoni tat-trinka fi Triq il-Kbira. Il-viċi sindku nsista li din għandha ssir skond kif inħareġ il-permess, li t-trinka ssir bil-kundizzjoni li l-parti tat-triq maqlugħa tiġi *reinstated*. Is-segretarju eżekuttiv qal li kif kien ġie deċiż fl-aħħar seduta saret laqgħa ma' l-Awtorita' Dwar it-Trasport fejn stipulaw il-wiesgħa ta' *tarmac* li għandhom jagħmlu. Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera preżenti li kellem li T*al-Magħtab Construction* li jekk ma jagħmlux din it-trinka skond il-permess se jkunu *black listed* għall-kunsill u ninfurmaw il-media bis-sitwazzjoni. Sadanittant is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsill li qiegħed jirsisti sabiex it-trinka ssir il-ġimgħa d-dieħel bil-permessi wkoll mill-MTA.

2.4 Il-kunsilliera M. Aquilina innotat li l-bankina li saret fi Triq Depiro (n-naħa ta' Sant' Injazju) qegħda iżjed il-barra minn kif kienet. Il-kunsill qabel li din trid tiġi kif kienet u s-segretarju

eżekuttiv qal li kien diġa nsista magħhom li l-bankina għanda ssir b'kurduna u mhux *shuttering*. Sadanitant il-kunsill qal ukoll li peress li t-triq saret fis-sena 2000 triq tiġi *reinstated* kollha.

2.5 Il-kunsill qal ukoll li fi Triq il-Kulleġġ l-Antik il-fuq mil-grocer għandu jlesti mill-aktar fis possibbli għax ilu hemm ħafna. Il-kunsill qabel ukoll li m'għandux jagħti permessi għall-kuntratturi li għandhom x'jaqsmu mal-proġett tal-Galaxy.

*Daħal il-kunsillier N. Dimech fis-seduta fl-4.38pm.*

2.6 Il-kunsillier M. Briguglio irrimarka li l-ġbir ta' l-iskart għadu qiegħed jgħaddi tard mil-ħin stipulat. Is-segretarju eżekuttiv informa li l-kuntrattur qiegħed jiġi nfurmat kuljum bl-ilmenti li jkollna u ġibed l-attenzjoni li wara diversi *default notices* diġa ġew imnaqqsa flus mil-kont darbtejn.

2.7 Il-kunsillier M. Briguglio ġibed l-attenzjoni wkoll li l-kaxxa li qegħda fi Triq it-Torri quddiem s-Surfside għada hemm mimlija bl-iskart. Is-sindku M. Arrigo infurmat lill-kunsill li kellmet l-ispettur Annemaria Micallef fuq dan.

2.8 Il-kunsillier J. Galea staqsa dwar it-*telephone booths* tas-Shigo. Is-segretarju eżekuttiv reġa informa li għadu ma irċiviex risposta mid-Dipartiment ta' l-Artijiet jekk dawn għandomx permess. Sadanitant il-kunsilliera preżenti s-Sindku M. Arrigo, il-viċi sindku A. Bonello Dupuis, u l-kunsilliera M. Aquilina, M. Briguglio, M. Debono, N. Dimech u J. Galea qablu li għandhom jitneħħew tliet *telephone booths* oħra li mhumiex qegħdin jaħdmu.

**3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**

3.1 Il-kunsill staqsa lill-kunsilliera preżenti jekk isibux oġġezzjoni li l-purtieri li kienu jintużaw għal kunsill jistgħux jingħataw lil *handymen* tal-kunsill. Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

3.2 Il-kunsill qabel mat-talba li għamlu *Where's Everybody* sabiex issir attivita 'Pjazza' Għar id-Dud (quddiem TGI) nhar il-Ġimgħa 1 t'Awissu, 2008 u li jkunu jistgħu jarmaw mill-Erbgħa.

*Ġie skużat mis-seduta l-kunsillier N.Dimech fl-16:47*

3.3 Is-segretarju eżekuttiv ressaq kwotazzjoni mingħand *Environmental Landscapes Consortium* rigward pjanta mejta ta' tamarix Africana biex tiġi mibdula. Il-kunsill għandu jirrispondi lill-ELC li l-pjanta għandha titbiddel skond il-kuntratt eżistenti.

3.4 Is-segretarju eżekuttiv informa lill-kunsilliera bir-risposta mil-MEPA dwar *UIF Funds*, li l-*Fort Cambridge TIS Study area* kien inkluż fih *Tigne Peninsula* li tagħti għax-Xatt (sa Manwel Dimech) u Triq it-Torri minn Alhamrra sax-Chalet), u li ma t-toroq l-oħra imsemmija fl-email tal-kunsill mhumiex inklużi.

3.5 Il-kunsill laqgħa talba għal donazzjoni lil *Eden Foundation* għal *EdenFest Marathon Fund Raising* li se ssir f'Settembru, 2007. Il-kunsill qabel li għandu jagħti s-somma ta' Euro 116.

3.6 Talba mil-*Lands Department* f'isem Mr Softy sabiex tintuża *area* żgħira ta' ħdejn il-kiosk li tinsab fin-nizla ta' taħt it-Torri biex jitpoġġew ftit imwejjed u siġġijiet. Is-sindku M.

Arrigo, il-kunsilliera M. Aquilina, M. Briguglio, M. Debono, N. Dimech u J. Galea qablu ma' din it-talba filwaqt li l-viċi sindku A. Bonello Dupuis astjena.

3.7 Ittra oħra miċ-Ċentru tal-Boċċi għal Tas-Sliema dwar suġġerimenti biex il-klabb isir f'postijiet oħra. Il-kunsill kien diġa ħa deċiżjoni li l-post addatat li jista jara huwa Qui-si-sana.

3.8 Is-segretarju eżekuttiv staqsa lil-kunsill x'azzjoni jkun irid jieħu meta jirċievi mil-MEPA għall-applikazzjonijiet dwar il-permessi għal *fixed canopies.* Il-kunsill qabel li min japplika irid jimxi mal-kuntratt li jkollhom mal-*Lands Department* u jimxu ma' kundizzjonjiet oħra li jirrigwardjaw il-liġi.

3.9 Rigward l-implimentazzjoni tar-*Residents Parking Scheme*, il-kunsill għandu jikteb lill-GRTU li l-kunsill jaqbel li l-perċentaġġ għandu jkun ħamsin fil-mija.

3.10 Rigward il-proposta ta' *one way system,* is-segretarju eżekuttiv qal lil kunsill li kien bagħat informazzjoni lil-kumitat li kienu ngħaqdu fil-laqgħa li kienet li saret mar-residenti. Il-kunsill qabel li għandu jistaqsi lill-Awtorita' Dwar it-Trasport biex ibiddel id-direzzjoni fuq żmien ta' prova.

3.11 Il-kunsill irrimarka dwar il-*generator* li tpoġġa fi Triq Milner mil-lukanda Preluna. Is-segretarju eżekutttiv qal li-kunsill ma kienx tah il-permess meta kien talab biex ikollu *generator* sakemm l-ieħor li għandha l-lukanda jissewwa. Is-Sindku qalet li l-kunsill qiegħed jirċieva ħafna ilmenti mir-residenti anke minħabba l-*fumes.* Il-kunsill qabel li għandu jibgħat lill-pulizijia minħabba li dan qiegħed jagħmel ostruzzjoni bla permess.

3.12 Il-kunsill għandu jikteb lill-ADT għal talba biex titwaħħal *traffic light* fi Triq Rudolfu biex tindika meta tkun tista toħroġ il-*bus* tat-trasport pubbliku.

*Ħareġ mis-seduta l-kunsillier N. Dimech fil-17:25*

3.13 Talba mis Sur Vlastimir Stefik biex jaħdem fuq il-*promenade* ta' Tas-Sliema minħabba li għandu *busking licence.* Il-kunsill mhux fil-pożizzjoni li jiehu decizjoni minħabba li taqa taħt *Trade Licensing Unit.*

3.14 Talba minn *Oasi Foundation* għal *Youth of the year 2008.* Il-kunsill qabel li jagħti s-somma ta' Euro 60.

*Daħal il-kunsillier N. Dimech 17:30pm*

3.15 Talba mil-Perit Cassar f'isem *Elbros Construction* sabiex isiru żewġ *parking spaces* bejn is-7am u s-6pm. Kien hemm qbil unanimu mil-kunsilliera preżenti, is-Sindku M. Arrigo, il-viċi sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera M. Aquilina, M. Briguglio, N. Dimech, M. Debono u J. Galea li ma jingħata l-ebda permess.

3.16 Talba minn Vodafone biex jingħata permess għal attivita' promozzjonali bejn l-14 u l-15 ta' Lulju, 2008 f'Għar id-Dud, Sliema. Il-kunsill qabel li jingħata permess bil-ħlas li taqa taħt avviż legali 119/2002, kif meħtieġ.

3.17 Talba minn Faye Bonnici biex issir mixja matul il-*promenade* fejn ikun hemm l-*Energizer mascot.* Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

3.18 Talba mis-Soċjeta Mużikali San Girgor sabiex jitwaħħu *poles* għal festa matul il-*promenade* fi Triq it-Torri biex ikunu jistgħu jitwaħħlu *streamers* bir-riklami. Is-sindku M. Arrigo, il-viċi Sindku A. Bonello Dupuis u l-kunsilliera M. Aquilina, M. Briguglio, N. Dimech, M. Debono u J. Galea qablu unanimament ma' din it-talba b'dawn il-kundizzjonijiet:-

- Li l-kunsill ma jkunx responsabbli għal ħsara li tinqala minn terzi persuni.
- Li ż-żmien ikun għal tlett ġimgħat għal perjodu matul il-festa.
- Li l-kunsill irid ikun avżat x'tip ta' riklami huma.

3.19 Fuq dan il-punt il-kunsill qabel ukoll li għandu jinforma lill-Assoċjazzoni tal-kunsilli lokali dwar dawn l-avviżi biex isaqqsu għan-nom tal-kunsilli kollha jistgħux jikkonsidraw il-fatt li titwaqqaf *bye law* biex il-kunsilli jkunu jistgħu jiggwaddanjaw ammonti ta' flus għar-reklami li jitwaħħlu mal-*poles*.

3.20 Il-kunsill qabel mat-talba tat-tabib Anton Briffa li l-prezz ta' kull viżita tiegħu għal rapporti medikali għal parkeġġ riżervat togħla għal Euro 30 minn Euro 23.29.

3.21 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-laqgħa li saret ma' l-Onoroveli Mario Demarco fejn ġiet diskussa għandhiex issir *bye law* għad-dgħajjes. Il-kunsill ma qabilx ma dan. Is-sindku M. Arrigo infurmat lill-kunsill li waqt din l-istess laqgħa staqsiet lill-Onoroveli Demarco biex jieħdu ħsieb li jnaddfu l-area fejn hemm il-biċċiet ta' dgħajjes imkissrin, fejn ġiet infurmata li dan għandu jsir f'qasir żmien kif għamlu f'areas ta' kunsilli lokali oħra.

3.22 *Email* mill-Ministeru ta' l-Infrastruttura Trasport u Teknolgija rigward tagħlim dwar teknoloġija. Il-kunsill għandu jindaga dwar xi postijiet u għandu jsaqqsi lis-Sależjani, Villa Schinas, Sacro Cuor u xi soċjetajiet oħra li għandhom swali apposta. Sadanittant il-kunsill se jara mal-Ministeru x'jinvolvi eżatt lill-kunsill u x'inhuma l-ispejjeż.

3.23 Talba minn Roża biex tbiegħ oġġetti wżati b'risq l-annimali matul il-*promenade*. Il-kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

3.24 Korrispondenza mill-kunsillier M. Briguglio dwar PA 6466/07 għal proġett fi Triq Manwel Diemch. Il-kunsill qabel li għandu jikteb lill-MEPA fejn jinforma li għadu jżomm ma' l-istess oġġezzjoni u li jridu jżommu mal-*policies* tal-MEPA stess.

3.25 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għal pagamenti li kienu nżammu fl-aħħar seduta tal-perit Bezzina f'isem Med Developers Designers and Consultants Ltd, minħabba li l-kontijiet kienu qegħdin jiġu waħda għolja għax il-*measuring fees* kienu qegħdin jiġu kkalkulati apparti. Is-segretarju eżekuttiv ta' spjegazzjoni dwar it-*tender* tal-perit fejn fil-faċċata tal-*bills of quantities* f'item numru 2 hemm immarkat li l-*measurment* and *certification of works* huma 0.90%. Fuq l-istess paġna hemm miktub li l-perċentaġġi huma skond il-kundzzjonijiet stipulati f'paġna tal-*Financial offer* li tinsab fuq wara tat-*tender*. Il-kunsilliera preżenti, is-sindku M. Arrigo, il-viċi sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera M. Aquilina, M. Brigulio, M. Debono, N. Dimech u J. Galea unanimament qablu li peress li t-*tender* qegħda ambigwa l-kontijiet jitħallsu bit-tnaqqis mill-1% għal 0.90 %. Sadanittant is-segretarju eżekuttiv ġibed l-attenzjoni wkoll li fl-iskeda tal-pagamenti ta' din is-seduta ċekk numru 9650 hemm ċekk bl-istess problema li l-*measuring fees* dwar ix-xogħlijiet ta' Polidano reġgħu ġew ikkalkulati bil-1% u mhux b'0.90%. Il-kunsilliera preżenti reġgħu qablu biex dan iċ-ċekk jiġi kkanċellat u l-kont jitħallas bil-perċentaġġ 0.90%. Sadanittant il-kunsill għandu jitlob il-parir ta' l-avukat dwar dan.

3.26 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-kont ta' *Polidano Bros* dwar ix-xogħlijiet li saru fi

Triq Rudolfu (minn Triq Leone sa Triq Santa Marija) li skond il-perit Bezzina l-ammont dovut għall-kuntrattur għandu jkun ta' Euro 38,632.17. Is-segretarju eżekettiv reġa irrefera għal qbil li kien sar ma Polidano dwar il *450 linear meter* ta' għal *scaryfing* ta' l-istess ħxuna ta' 100mm kif qiegħed issir ix-xogħol dan l-aħħar. Il-kunsilliera preżenti, is-sindku M. Arrigo, il-viċi sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera M. Aquilina, M. Brigulio, M. Debono, N. Dimech u J. Galea unanimament qablu li l-kuntrattur għandu jingħata s-somma ta' Euro 18934.08 b'din l-ispjegazzjoni. Il-kunsilliera unanimament qablu wkoll li r-*retention fee* li għandha tinżamm għandha tkun 5%.

| | Euros |
|---|---|
| Ammont ċertifikat mil-perit Bezzina | 59525.94 |
| PV 1 (dokument dwar l-għola tat-*tarmac* li għadu ma ġiex approvat mid-Dipartiment) | (5305.35) |
| | 54220.59 |
| Tnaqqis 5% *contract management fees* | (2711.03) |
| | 51509.56 |
| Tnaqqis 5 % *retention fees* | (2575.49) |
| Tnaqqis 30, 000 euros dwar il-qbil tal-450 *linear meters* | 30000 |
| Ammont dovut lill-kuntrattur | 18934.08. |

Il-kunsill qabel ukoll li biex ikun jista jingħata dan l-ammont lill-kuntrattur irid jipprovdi l-ħlasijiet tiegħu dwar l-arrettrati tal-*hoarding* fi Triq it-Torri ta' quddiem l-*Adelaide Hotel* u tat-*tower crane* fi Triq San Pawl. Il-kunsill qabel ukoll li m'għandux ikun hemm aktar *set off* u l-flus dovuti jridu jkun b'ċekk.

**4 Mistoqsijiet mil-kunsilliera**

Ma kienx hemm aktar mistoqsijiet mil-kunsilliera.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

Is-sindku M. Arrigo pproponiet l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 9583 sa 9649 filwaqt li ċekk numru 9650 irid jiġi kkanċellat u jitħallas skond punt numru 3.25 ta' din is-seduta. Il-kunsillier N. Dimech issekonda, filwaqt li l-kunsilliera preżenti, il-viċi sindku A. Bonello Dupuis, il-kunsilliera M. Aquilina, M. Briguglio, M. Debono u J. Galea approva l-pagamenti unanimament.

**6. *Audit management letter* u *audited financial statements* għas-sena finanzjarja 2008.**

Is-segretrju eżekuttiv irrefera għal *management letter*, *audited accounts* u *draft reply* li l-kunsill kien qiegħed jissuġġerixxi, li tagħhom intbagħtu kopja lill-kunsilliera kollha flimkien ma' l-agenda ta' dn il-laqgħa. Is-segretarju eżekuttiv qal li l-*management letter* kienet waħda pożittiva.

**7. Affarijiet Oħra**

Il-kunsillier J. Galea staqsa dwar is-sotto kumitat li kien twaqqaf dwar is-*Sliema Business Community*. Il-kunsill qabel li għandu jiltaqa' f'Settembru jew Ottubru, 2008.

Is-seduta ntemmet fis-7.20pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 20 ta' Awissu, 2008 fl-4pm.

**Marina Arrigo**
**Sindku**

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**